MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 532/2011

**Saviour Mallia**

**vs**

**MK Leisure Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-3 ta’ Gunju 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-attur huwa l-awtur tal-istorja u t-trama centrali (plot), il-komposizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal- ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' kif ukoll l-emendi u t-tibdiliet li saru minn zmien ghal zmien, liema spettaklu sal-24 ta' Marzu 2011 kien qed jigi mtella' u dan minghajr il-permess u l-awtorizzjoni da parti tal-awtur kif mitlub mill-ligi;

2. Illi oltre dak hawn fuq spjegat l-imsemmi attur kien anki kkompona u huwa l-awtur tal-lirika ta' tlett kanzunetti li jintuzaw fl-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' u li huma - (i) 'Welcome Song', (ii) 'In Their Thousands They Came' u (iii) 'Piccolo Soccorso' u inoltre hadem u kkontribwixxa fuq erba' kanzunetti ohra ma' Joe Julian Farrugia tal-kanzunetti (i) 'Fifteen Hundred and Sixty Five', (ii) 'Its Not the End', (iii) 'For Us All - Part I u (iv) 'For Us All -Part II;

3. Illi l-attur huwa l-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur (copyright) fix-xogholijiet hawn fuq imsemmija, ai termini tal-artikolu 11 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid illi, "id-drittijiet tal-awtur ghandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi" ("copyright shall always vest in the author or joint authors");

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u inoltre, l-artikolu 4 tal-Att li Jirregoia l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Propjeta Intellettwali (Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta) jirrepeti din il-prezunzjoni favur l-awtur, fejn ighid illi, "Kull min ismu jidher fuq xi xoghol letterarju jew artistiku b 'tali mod li soltu persuna tigi indikata bhala l-awtur tax-xoghol ghandu, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, jigi kkunsidrat bhala l-awtur ta' dak ix-xoghol u jkollu jedd jaghmel uzu mill-mizuri, proceduri u rimedji provduti b'dan l-Att." Kif jidher mill-programm tal-ispettaklu, is-Sur Mallia huwa indikat bhala l-awtur u d-direttur (hawn immarkat u anness bhala Dokument SM7);

5. Illi skond l-artikolu 24(4) tal-Kap. 415, cessjoni ta' drittijiet tal-awtur u licenza biex jintghamel att li l-ghemil tieghu huwa kkontrollat minn drittijiet tal-awtur ghandu jsehh bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet;

6. Illi dan il-ftehim qatt ma sar bejn il-partijiet u ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi x-xogholijiet in kwistjoni huma u dejjem kienu l-proprjeta tal-awtur u li l-proprjeta intellettwali fihom tappartjeni lill-awtur;

7. Illi din l-Onorabbli Qorti accettat u rrikkonoxxiet dan il-principju meta tat id-digriet nhar is-16 ta' April 2011 fejn

laqghet it-talba ghall-mandat ta' inibizzjoni (anness u mmarkat Dok. A) biex twaqqaf lis-socjeta konvenuta milli ttella' l-ispettaklu;

8. Illi inoltre, madanakollu, is-socjeta konvenuta baqghet ittella' l-ispettaklu wara li nghata d-digriet, u kif jidher mid-digriet moghti fl-20 ta' April 2011 l-Onorabbli Qorti sabet il-kumpannija konvenuta hatja ta' disprezz lejn l-awtorita taghha;

9. Illi l-attur kien impjegat tas-socjeta konvenuta MK Limited mill-Jannar tal-2006 sa Awwissu 2010;

10. Illi qabel 2007, l-imsemmi attur kien impjegat tal-kumpanija Barcelo Riviera Resort & Spa u dan minn Jannar 2005 sal-30 ta' Dicembru 2005;

11. Illi l-attur kien beda jikteb l-imsemmija xogholijiet qabel mal-istess kumpanija konvenuta, MK Leisure, kienet impjegat lill-istess attur fuq kuntratt ta' impjieg full time mal-istess kumpanija konvenuta;

12. Illi l-kuntratt tal-impjieg qatt ma sar bil-miktub, u in oltre, f'dan il-kuntratt tal-impjieg bejn il-partijiet, l-attur dejjem zamm u dejjem irrizerva d-drittijiet tieghu ta' proprjeta intelletwali, inkluz il-copyright, ghax-xogholjiet maghmula tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' inkluz l-istorja u t-trama centrali (plot) komposizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal-istess spettaklu hawn fuq riferit;

13. Illi jrid jinghad li tant kemm l-attur dejjem zamm ghalih il-proprjeta intelletwali (copyright) tal-istess xogholijiet hawn fuq spjegati li l-attur qatt u qatt ma ttrasferixxa u/jew ikkonceda bi kwalunkwe mod u certament lanqas bil-miktub id-drittijiet tieghu bhala awtur ghall-istess spettaklu;

14. Illi lanqas il-kuntratt tax-xoghol tieghu ma kien jistipula li d-drittijiet ta' copyright maghmula mill-attur huma proprjeta tas-socjeta konvenuta;

15. Illi nonostante li l-ispettakli ta' 'Knights Spectacular 1565' baqghu ghaddejjin regolarment u dan mis-sena 2006, fejn gja saru l-fuq minn 250 shows, l-attur ghadu ma rcieva ebda rimunerazzjoni u/jew introjtu (ghajr ghall-paga tieghu bhala direttur artistiku) mis-sena 2006 sallum il-gurnata;

16. Illi s.socjeta konvenuta tterminaw il-kuntratt tal-impieg tal-istess imsemmi attur fl-20 ta' Awwissu 2010;

17. Illi l-attur illum mhux qed jaghti l-kunsens u l-awtorizzazzjoni tieghu sabiex jigi mtella' dan l-ispettaklu, liema spettaklu u proprjeta intellettwali hija vestita unikament fl-imsemmi attur;

18. Illi ghal kull buon fini, u bhala prova tal-proprjeta intelletwali tal-attur qieghed jigi esebit it-trama centrali (plot) originali, hawn anness u mmarkat bhala Dokument SM1; qieghed jigi esebit ukoll il-manuskritt bl-istruzzjonijiet tal-attur ghal-lirika li ntbaghatu ghand Joe Julian Farrugia, hawn immarkat u anness bhala Dokument SM2; manuskritt tekniku li emenda t-trama centrali markat bhala Dokument SM3; kif ukoll it-test emendat darb'ohra li huwa t-test korrenti li qieghed jintuza llum, hawn immarkat u anness bhala Dokument SM4;

19. Illi minhabba l-agir tas-socjeta konvenuta fil-konfront tal-attur, l-attur permezz ta' ittra legali datat id-9 ta' Novembru 2010 (anness u mmarkat Dok. C) ghamilha cara li huwa l-awtur tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' u li huwa ma ghandux pjacir li jigi mtella' d-dramm minghajr il-kunsens u l-awtorizazzjoni tieghu;

20. Illi s-socjeta konvenuta rrispondiet u rribadiet l-ittra tal-istess attur fejn permezz ta' ittra legali tas-7 ta' Dicembru 2010 (anness u mmarkat Dok. D) l-istess socjeta konvenuta qalet li ma tistax tiddefinixxi tali spettaklu bhala 'opra intellettwali tieghu (tal-attur)';

21. Illi l-istess attur rega' baghat ittra ulterjuri nhar il-21 ta' Dicembru 2010 (anness u mmarkat Dok. E) fejn rega'

tenna l-posizzjoni tieghu bhala awtur tal-ispettaklu kif spjegat hawn aktar fuq;

22. Illi l-effett tal-mandat ta' inibizzjoni gie estiz sat-tlieta ta' Gunju 2011 permezz tan-nota kongunta mressqa mis-socjeta konvenuta u mill-attur, liema nota kienet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar l-erbgha ta' Mejju 2011 (anness u mmarkat Dok. F);

23. Illi l-attur ma jridx, u ghamilha cara mal-kumpanija konvenuta, li l-ispettaklu ma jistax jibqa' jigi mtella minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tieghu; u li l-ispettaklu, inkluz l-istorja u t-trama centrali (plot) komposizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565', kif ukoll it-tlett kanzunetti kif spjegati f'paragrafu tnejn (2), huma proprjeta intellettwali tieghu, u li qeghdin jigu murija, mtella', ezebiti u promossi lill-pubbliku minghajr il-kunsens u/jew l-awtorizzazzjoni tal-istess attur;

24. Illi nonostante l-interpellanza legali da parti tal-attur, is-socjeta konvenuta njorat il-pretensjonijiet tal-attur u xorta baqghet ittella' dan l-ispettaklu minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tieghu. Illi tant dan huwa minnu, li l-attur qieghed hawnhekk jipprezenta DVD li qieghdin jigu annessi bhala Dokumenti SM5 u li dawn gew ffilmjati nhar l-10 ta' Frar 2011 u dan kif jirrizulta wkoll mill-biljett esebit u markat bhala Dokument SM6;

25. Illi l-agir tas-socjeta konvenuta hija abbuziva u illegali u tikkostitwixxi vjolazzjoni u ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intelletwali, fosthom tal-copyright tal-istess attur, u minhabba dan kollu, l-attur kellu ghalhekk jintavola mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju bin-numru 358/2011 kif spjegat iktar 'l fuq u nonostante l-ordni tal-Qorti l-kumpannija konvenuta baqghet ghaddejja, sabiex l-attur kellu jintavola ghad-disprezz tal-Qorti, kif ukoll gie spjegat iktar fuq f’dan ir-rikors.

26. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ighidu ghalhekk is-socjeta konvenuta prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din l-0norabbli Qorti ma ghandhiex tiddikjara u tiddieciedi li -

1. L-attur huwa l-awtur tal-istorja u t-trama centrali (plot), il-komposizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' kif ukoll l-emendi u t-tibdiliet li saru minn zmien ghal zmien u tal-lirika tat-tliet kanzunetti Ii jintuzaw fl-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' u li huma - (i) il-' Welcome Song', (ii) 'In Their Thousands They Came' u (iii) 'Piccolo Soccorso', u li konsegwentement huwa l-proprjetarju tad-drittijiet intelletwali, fosthom tal-copyright, tax-xogholijiet hawn elenkati, skond id-Dokumenti SM1 sa SM4 inkluzi, oltre l-lirika tat-tliet kanzunetti;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta konvenuta vvjolat u kissret id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tal-istess attur billi tellghet l-ispettaklu "Knights Spectacular 1565" minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-istess attur;

3. Tillikwida d-danni skond il-ligi prevja u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi mill-Qorti bhala kumpens lill-attur bhala proprjetarju tal-proprjeta intellettwali tal-ispettaklu "Knights Spectacular 1565”;

4. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta ghall-hlas tad-danni ai termini tal-artikolu 43 et seq. tal-Kap. 415 u tal-artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq ghall-kontravvenzjoni tad-drittijiet tieghu;

5. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta ghar-restituzzjoni tal-qligh kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u li taghti dawk id-danni addizzjonali skond mal-kaz gustament jehtieg.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta u tas-socjeta konvenuta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi din hija r-risposta bl-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghar-rikors pprezentat mill-attur tat-3 ta' Gunju, 2011 illi bih l-attur qieghed jitlob fost affarijiet ohra illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li huwa l-awtur ta' partijiet mill-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565', li s-socjeta konvenuta vvjolat u kisret id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tieghu u tillikwida d-diversi danni mitluba u tikkundanna lill-konvenuta biex thallashom u tirrestitwixxi l-qligh kollu li sar skondih minhabba tali kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur;

2. Illi din il-kawza hija mibnija fuq allegazzjonijiet inveritieri u legalment mhux korretti u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jincahdu fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess attur;

3. Illi dan ghaliex skond il-ligi, senjatament il-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur) l-ispettakolu 'Knights Spectacular 1565' jikkwalifika bhala xoghol kollettiv (collective work) u ghalhekk l-attur ma ghandu ebda drittijiet tal-awtur x'jipproteggi;

4. Illi skond l-imsemmi Att id-drittijiet tal-awtur f’kaz ta' xoghol kollettiv huma proprjeta eskluziva tas-socjeta esponenti u mhux tal-kontributuri fizici, bhalma huwa l-attur u numru ta' kontributuri ohra li gew ikkummissjonati sabiex jahdmu ghal dan l-ispettaklu u jaghtu l-kontribut taghhom;

5. Illi fid-definizzjoni ta' xoghol kollettiv l-Att jghid illi 'f’kaz ta' xoghol kollettiv, il-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur ma jkunx xi wiehed jew aktar mill-persuni fizici kontribwenti imma il-persuna legali li bl-iniziattiva u direzzjoni taghha ix-xoghol ikun gie mahluq' waqt illi 'proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur' tfisser 'l-awtur li jkun l-ewwel proprjetarju, cessjonarju jew detentur eskluziv ta' licenza, skond il-kaz, ta' drittijiet ta' l-awtur u fil-kaz ta' xoghol kollettiv, l-ewwel propretarju tad-drittijiet tal-awtur ghandu jkun il-persuna naturali jew legali li bl-inizjattiva u direzzjoni tieghu ix-xoghol ikun gie mahluq';

6. Illi ghalhekk trattandosi minn xoghol kollettiv allura l-persuna legali li bl-inizjattiva u direzzjoni taghha ix-xoghol gie mahluq hija appuntu s-socjeta konvenuta;

7. Illi ghalhekk l-attur ma ghandu ebda drittijiet tal-awtur x'jipproteggi, peress illi dawn id-drittijiet huma proprjeta eskluziva tas-socjeta konvenuta u ta' hadd mill-kontributuri fizici li gew ikkummissjonati biex jahdmu u jaghtu l-kontribut taghhom ghall-ispettaklu;

8. Illi l-attur jipprova taghti l-impressjoni illi l-varji partijiet/items li jikkomponu l-ispettaklu huma separati wahda mill-ohra. Dan mhux minnu ghaliex kull kontribuzzjoni ta' kull artist, awtur u persuna teknika huwa maghgun fi spettaklu wiehed;

9. Illi l-ligi hija cara meta titkellem fuq minn huwa il-proprjetarju ta' xoghol kollettiv u l-attur ma jistax jaqla' bicciet mill-ispettaklu u jghid li ghandu drittijiet tal-awtur dwar dawk il-bicciet biss ghaliex l-ispettaklu gie ikkrejat bhala xoghol kollettiv fuq istruzzjonijiet specifici tas-socjeta konvenuta;

10. Illi l-attur stess jammetti illi dan l-ispettaklu si tratta minn xoghol kollettiv meta huwa stess fir-rikors guramentat tieghu jsemmi lil Joe Julian Farrugia u jghid illi qed jesebixxi il-manuskritt bl-istruzzjonijiet tal-attur ghal-lirika li ntbaghatu ghand l-imsemmi Joe Julian Farrugia;

11. Illi inoltre fl-ittra legali tieghu datata il-21 ta' Dicembru, 2010 u ezebita bhala Dokument E mar-rikors guramentat tieghu l-attur jghid 'Fl-ebda mument ma kien allegat minghand is-sur Mallia illi seta' jkollu xi drittijiet fil-lirika, fil-muzika, fil-mastering, jew fil-koreografija tal-ispettaklu "Knights Spectacular 1565" u ghalhekk huwa stess qieghed jammetti illi si tratta minn xoghol kollettiv;

12. Illi l-attur jghid illi peress illi skondih huwa gie indikat bhala awtur u direttur fuq ix-xoghol stess allura skond l-artikolu 4 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi ikkunsidrat bhala l-awtur ta' dak ix-xoghol u jkollu taht l-

istess artikolu il-jedd li jaghmel uzu mill-mizuri, proceduri u rimedji provduti fl-istess Att;

13. Illi l-artikolu 4 tal-Kap. 488 jghid 'Kull min ismu jidher fuq xi xoghol letterarju jew artistiku b'tali mod li soltu persuna tigi indikata bhala l-awtur tax-xoghol ghandu, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, jigi kkunsidrat bhala l-awtur ta' dak ix-xoghol u jkollu il-jedd jaghmel uzu mill-mizuri, proceduri u rimedji provduti b'dan l-Att' din il-prezunzjoni hija wahda juris tantum u ghalhekk kif ser jidher ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-kaz tal-attur dan ma huwiex il-kaz;

14. Illi kif jidher mill-programm tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' pprezentat mill-attur stess bhala Dokument SM7, l-ispettaklu huwa "brought to you by MK Leisure" (dan jidher bil-miktub aktar minn darba) u ma jidhirx biss isem l-attur izda jidhru ukoll l-ismijiet ta' Paul Abela bhala kompozitur u Mariza B. (Baldacchino) bhala choreographer tal-ispettaklu. Dawn huma ukoll kontributuri tal-ispettaklu bhalma huwa l-attur izda l-ebda minnhom ma jivvanta xi drittijiet fuq l-imsemmi spettaklu ghaliex fil-fatt dan huwa xoghol kollettiv fejn l-attur bhal kontributuri ohra gie ikkummissjonat sabiex jahdem ghal dan l-ispettaklu u jaghti l-kontribut tieghu;

15. Illi inoltre kif jidher ukoll mill-biljett tal-ispettaklu ezebit mill-attur stess bhala Dokument SM6 mar-rikors guramentat tieghu hemm miktub kjarament illi Knights Spectacular hija "by MK Leisure";

16. Illi huwa minnu illi l-attur kien impjegat mas-socjeta konvenuta mill-1 ta' Jannar, 2006 u baqa' impjegat maghha sa meta tkecca ghar-ragunijiet ta' dixxiplina fis-sajf tas-sena 2010;

17. Illi qabel dan iz-zmien (u qabel ma giet iffurmata s-socjeta konvenuta) l-attur kien impjegat ma' The Barcelo Riviera Resort & Spa (Riviera Resort Limited) li hija kumpanija ohra fl-istess grupp ta' kumpaniji li issa jikkomprendi wkoll is-socjeta konvenuta;

18. Illi mill-bidu tal-impjieg tieghu cioe mit-22 ta' Dicembru, 2004 'il quddiem mal-kumpanija The Barcelo Riviera Resort & Spa u mill-1 ta' Jannar 2006 mal-kumpanija konvenuta, l-attur ghal xogholu kien remunerat tajjeb hafna b'paga ta' iktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) fix-xahar u dan mill-bidu tal-impjieg tieghu. Fil-fatt ghamel sentejn jadhem biss fuq l-ispettaklu (mill-2004 sal-2006) u kull xahar jithallas l-imsemmi ammont;

19. Illi fil-fatt kien car bejn is-socjeta konvenuta u l-attur li l-arrangament kien wiehed fejn il-paga f’ammont konsiderevoli li kien jircievi l-attur kienet tinkludi kull dritt ta' awtur li seta' qatt jinbet favur tieghu;

20. Illi ma seta' jinbet ebda dritt ta' awtur favur l-attur peress illi kien car mill-bidunett illi dawn minn dejjem kienu tas-socjeta konvenuta illi bl-inizjattiva u direzzjoni taghha ix-xoghol gie mahluq, u li il-paga sostanzjali li kien jircievi l-attur kienet tikkumpensah b'mod oltre milli xieraq ghall-kontribut tieghu;

21. Illi l-attur ighid illi qatt ma rcieva ebda remunerazzjoni u/jew introjtu (ghajr ghall-paga tieghu bhala direttur artistiku) mis-sena 2006 sallum il-gurnata. Fil-fatt qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-attur kellu jircievi xi haga zejda iktar mill-paga sostanzjali li kien jaqla'. Din il-paga kienet fil-fatt tkopri fost affarijiet ohra il-kontribuzzjoni tieghu fil-kreazzjoni tal-ispettaklu, xogholu bhala direttur artistiku u anki kull dritt ta' awtur li seta' qatt jinbet favurih;

22. Illi fil-fatt l-attur kien gie impjegat ma' The Barcelo Riviera Resort & Spa specifikament sabiex fost affarijiet ohra jaghti l-kontribut tieghu fil-kreazzjoni tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565';

23. Illi mhux minnu illi l-attur beda jikteb l-imsemmi xoghlijiet qabel is-socjeta konvenuta kienet impjegat lill-attur fuq kuntratt ta' impjieg full time mal-istess socjeta inimata;

24. Illi l-attur kiteb l-imsemmija xogholijiet dejjem fil-kors tal-impjieg tieghu u dan fuq istruzzjonijiet specifici tad-

diretturi tas-socjeta konvenuta u qabel dan fuq struzzjonijiet specifici tad-diretturi tal-kumpanija The Barcelo Riviera Resort & Spa (Riviera Resort Limited);

25. Illi l-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel l-attur fir-rikors tieghu huma bazati fuq pika minhabba li l-attur tkecca mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta konvenuta ghal ragunijiet ta' dixxipIina fl-20 ta' Awwissu tas-sena 2010, liema ragunijiet huma gustifikati skond il-ligi;

26. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qabel l-attur ma gie mkecci mill-impjieg tieghu f'Awwissu, 2010 huwa qatt ma vvanta xi pretensjonijiet fuq l-ispettaklu. Fil-fatt qatt ma qal li kellu xi drittijiet x'jipproteggi u qatt ma ghamel ebda allegazzjonijiet ta' din il-kwalita;

27. Illi ghalhekk mhux minnu illi l-attur dejjem zamm u dejjem irrizerva d-drittijiet tieghu ta' proprjeta intellettwali inkluz iI-copyright ghax-xogholijiet maghmula tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565';

28. Illi inoltre ma hemmx bzonn illi l-attur jaghti l-kunsens u l-awtorizzazzjoni tieghu sabiex jittella' l-ispettaklu, ghaliex huwa ma ghandux drittijiet ta' proprjeta fuq l-imsemmi spettaklu ghaliex l-ispettaklu kien produzzjoni tas-socjeta konvenuta. Barra minn hekk, ghandu jinghad ukoll illi dan l-ispettaklu issa ma ghadux jittella';

29. Illi s-socjeta konvenuta kienet tellghet darba biss spettaklu ta' 'Knights Spectacular 1565' wara li l-esponenti kienet giet notifikata bid-digriet provvisorju tal-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2011;

30. Illi kien car fl-umiIi opinjoni tas-socjeta esponenti illi l-attur ried jikkaguna danni sostanzjali lis-socjeta konvenuta meta pprezentat ir-rikors ghall-hrug tal-imsemmi mandat fis-16 ta' Marzu, 2011 cioe il-gurnata ta' qabel ma kellu jittella' l-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565'. L-attur kien jaf illi l-ispettaklu kien jittella' kull nhar ta' Hamis u ghamel mod illi jipprezenta l-mandat biex l-esponenti ma jkollha ebda cans tiehu l-mizuri necessarji wara il-hrug tal-imsemmi mandat;

31. Illi fil-fatt is-socjeta konvenuta giet nnotifikata bir-rikors ghall-hrug tal-mandat fis-17 ta' Marzu, 2011 cioe l-ghada li gie ipprezentat l-mandat u l-istess gurnata li fiha jittella' l-ispettaklu, u dan ftit sieghat biss qabel ma kellu jibda l-ispettaklu u ghalhekk kienet fl-impossibilta fizika illi twaqqaf l-imsemmi spettaklu fil-hin u tikkuntattja l-agenziji, booking agents, tour operators u lukandi sabiex tinfurmahom li l-ispettaklu ma setghax jittella;

32. Illi kieku seta' jitwaqqaf l-ispettaklu d-danni kienu jkunu sostanzjali ghat-tour operators u lukandi li jirriklamaw u jaghmlu l-bookings u li jkunu diga bieghu biljetti lill-klijenti taghhom u l-industrija tat-turizmu in generali;

33. Illi kif inghad iktar 'il fuq l-attur jipprova jaghti l-impressjoni lil dina l-Onorabbli Qorti illi is-socjeta esponenti wara d-digriet finali tal-Qorti datat is-16 ta' April, 2011 baqghet ittella' l-istess spettaklu. Dan mhux il-kaz. Wara is-17 ta' Marzu, 2011 l-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' qatt ma' rega' ittella';

34. Illi l-attur ighid illi l-ispettakolu 'Knights Spectacular 1565' baqa' jigi mtella' sal-24 ta' Marzu, 2011. Dan kif gie spjegat hawn fuq mhux minnu ghaliex l-ahhar darba li ittella' dan l-ispettaklu kien fis-17 ta' Marzu, 2011;

35. Illi inoltre l-attur qieghed jipprova jaghti impressjoni illi t-test kurrenti tal- ispettaklu huwa dak li l-attur esebixxa mad-Dokumenti tieghu (fil-fatt fir-rikors guramentat tieghu meta jannetti d-Dokumenti jghid 't-test korrenti li qieghed jintuza llum' u ' ... qeghdin jigu murija, mtella', ezebiti u promossi lill-pubbliku minghajr il-kunsens u/jew awtorizzazzjoni tal-istess attur) pero fil-fatt kif gja' gie spjegat aktar 'il fuq wara is-17 ta' Marzu, 2011 l-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' ma baqax jittella' mis-socjeta konvenuta;

36. Illi sa mill-24 ta' Marzu, 2011 qed jigi imtella' l-ispettaklu bl-isem 'Malta Nights Extravaganza' li hija produzzjoni gdida tas-socjeta esponenti. Dan l-ispettaklu

ma ghandu x'jaqsam xejn mal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' li kien jittella' sas-17 ta' Marzu, 2011 u dan kif ser jidher ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kopja tal-iscript, brochure minn quddiem u minn wara, biljett u booklet li qed jinghata lil-lukandi u tour operators sabiex jigi reklamat dan l-ispettaklu gdid Malta Nights Extravaganza huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A, B, C, D, u E rispettivament;

37. Illi l-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' bhala xoghol kollettiv kien u ghadu proprjeta tas-socjeta konvenuta u l-attur bhalma ghamlu hafna persuni ohra gie ikkummissjonat specifikament sabiex jahdem ghal dan l-ispettaklu u ta l-kontribut tieghu u ghal dan gie rimunerat sew. L-attur kellu kondizzjonijiet salarjali privileggjati ghall-ahhar;

38. Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi s-salarju gholi li kien jithallas kien jinkludi ukoll kull dritt ta' awtur li setgha jezisti favurih;

39. Illi l-ispettaklu inbena u gie mahluq b'inizjattiva tas-socjeta konvenuta u taht id-direzzjoni kostanti tal-istess socjeta konvenuta;

40. Illi ghalhekk ma huwiex minnu illi l-agir tas-socjeta konvenuta jikkostitwixxi vjolazzjoni u ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tal-attur;

41. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini jigi dikjarat illi l-attur ikkontribwixxa ukoll fuq spettakolu iehor jismu 'Strait Street', produzzjoni ohra illi sfortunatament minhabba d-decizjonijiet zbaljati tal-attur ma kelliex success u s-socjeta konvenuta sofriet danni sostanzjali fl-ammont ta' mhux inqas minn tletin elf ewro, ghal liema ammont is-socjeta qieghed izomm l-attur responsabbli;

42. Illi peress illi l-attur ma ghandu ebda drittijiet ta' proprjeta intellettwali in rigward ghall-ispettaklu de quo, allura isegwi illi t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici ghandhom jincahdu ghaliex huma kollha kemm

huma infondati diment illi huma imsejjsa eskluzivament fuq l-allegazzjoni illi l-attur ghandu drittijiet ta' proprjeta intellettwali meta fil-fatt ma ghandux;

43. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

44. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti jintalab umilment illi din-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-attur fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess attur illi huwa ngunt sa minn issa ghas-subizzjoni;

45. Illi Charles Micallef, direttur tas-socjeta konvenuta, jaf dawn il-fatti personalment;

46. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi jekk u meta jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

L-attur xehed li f’Jannar 2006 huwa kien gie inkarigat sabiex johloq spettakolu fuq l-Assedju l-Kbir. Hu kiteb l-iscript u t-trama u ghazel numru ta’ kollaboraturi ghall-muzika, koreografija u kostumi. Hu kien il-mohh wara dan ix-show u dawk li hadmu mieghu, hadmu taht l-istruzzjonijiet tieghu, skond il-librett, id-direzzjoni artistika li holoq hu. Il-kompozitur tal-muzika kien il-Mro.Abela u dan kellu jinterpreta bil-muzika dak li huwa kellu f’mohhu. Il-koreografija saret minn Mariza Baldacchino izda l-kuncett wara kull zifna u liema xeni kellhom ikunu biz-zifna, kien eskussivament tieghu. Kien hemm kollaboraturi ohra, billi dan kien xoghol li jirrikjedi hafna dirghin, imma hu kien il-mohh li johloq il-linja li fuqha kulhadd kellu jimxi. Barra l-pubblicita’ ghax-xoghol, huwa kien ghamel ukoll artworks ghall-konvenuti u anke zewg video productions. Dwar copyright l-attur xehed li din il-kwistjoni qatt ma qamet

bejnithom u hu qatt ma ffirma xejn fejn indika li qed jittrasferixxi jew icedi d-dritt tal-copyright ghall-paga li kien qed nircievi. Huwa qatt ma stqarr li kellu hsieb li jcedi id-drittijiet tal-awtur. L-attur ikompli li l-ingagg tieghu ma’ MK Leisure Ltd. u, qabel il-formazzjoni taghha, mal-lukanda Riviera, kien dejjem dak ta’ direttur artistiku, unikament responsabbili mix-show ‘Knights Spectacular 1565’. Huwa qatt ma kellu kuntratt bil-miktub.

L-attur kien tkecca mis-socjeta konvenuta fit-2010 u dwar din il-kwistjoni jghid li hemm proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Minn meta spicca minn mal-kumpanija konvenuta, din qatt ma talbitu permess biex tkompli taghmel uzu tax-xoghol tieghu u ghalhekk kellu jitlob il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni biex iwaqqafhom u fil-fatt dan il-mandat gie milqugh (ara fol. 51) u l-kumpanija konvenuta anke giet misjuba hatja ta’ disprezz tal-Qorti meta hija ma obdietx l-ordni tal-Qorti (ara fol. 52).
Dwar dak li l-konvenuti qed ighidu li huwa show gdid li qed jigi mtellgha wara li l-attur tkecca, l-atturipprezenta Dokument SM2, li hu studju komparattiv li ghamel taz-zewg scripts. Hu jghid li l-konvenuti daru ghax-xoghol tieghu u ghamlu copy/paste fejn qabillhom biex pproducew xi haga suppost gdida meta hija biss adattanment tax-xoghol artistiku tieghu. Ghalkemm is-show li qed itellghu l-konvenuti jissejjah ‘gdid’ fil-fatt kull ma ghamlu hu li bidlulu ismu u ziedu xi bicciet godda mieghu izda hafna minnu huwa xoghol tieghu li qed jigi uzat minghajr permess tieghu. L-konvenuti qed juzaw ukoll ritratti u materjal pubblicitarju li kien holoq huwa.

L-attur qed jitlob danni u telf ta’ qligh minhabba f’hekk. Hu jghid li saru xi 250 produzzjonijiet u kull biljett jiswa €48. (ara Dok. SM6). L-attur esebixxa id-Dok. SM7 (a fol. 157 - £85 ghal kull ‘amateur performance’) u Dok. SM8 (a fol. 158 - £512 per performance) biex juri x’royalties jithallsu lis-sid ta’ copyright meta tittella play. Hu qed jitlob dawn id-danni ghal dawk ix-shows li kienu jittelllghu waqt li kien impjegat bhala direttur artistiku u anke ghal dawn is-shows li ttellghu wara li tkecca.
L-attur ressaq bhala xhieda lil Alan Cassar (fol. 159) li kien tqabbad minnu biex jiehu video tas-show Knights

Spectacular li baqa’ jittella (Dok. AC1 a fol. 160)[1]; Sebastian Psaila li xogholu kien li jaghti pariri lill-attur bhala espert fuq iz-zwiemel biex jikkreja movement li jesprimu dak li kien jghid l-iscript ta’ l-attur. (ara fol. 161); Anthony Zammit li kien hadem fuq il-props ghal dan ix-show u anke hadem bhala attur; Carlos Debattista li kkonferma li jaf li d-dramm u l-iscript huwa tal-attur; Paul Abela li hadem mal-attur ghal dak li jirrigwardja muzika ghal dak ix-show. Hu qal li l-attur kien ighidlu x’tip ta’ muzika kellu bzonn u hu kien jikkomponiha; u Vanda Fsadni li hadmet fuq il-kostumi ghax-show fuq l-iscript tal-attur.

Charles Micallef, il-Financial controller u direttur fis-socjeta konvenuta xehed li huma kienu ghamlu expenditure budget u income and expenditure forecast Dok. A u Dok. B  (a fol. 182 et seq.) biex jaraw kemm se jigi jiswa x-show. Ighid li Henri Mattocks, direttur iehor tal-kumpanija, kien semielu l-ideja dwar ix-show u dan kien avvicina lill-attur. Qalulu dwar l-idea taghhom, u x’riedu bhala plot, l-Assedju l-Kbir u love story, xeni ta’ battalja, xeni biz-zwiemel u falkun, muzika u zfin, kostumi u armaturi. L-attur kien accetta u kellu jikteb l-istorja taht id-direzzjoni taghhom. L-attur beda jahdem fuq l-idea qabel ma eventwalment offrewlu impieg full time mal-kumpanija bhala direttur artistiku tal-ispettaklu. Hu kien gie impjegat ghal habta tal- 2005. Offrewlu paga ta’ Lm 1,000 fix-xahar u din il-paga kienet sostanzjali billi kellha tkopri x-xoghol tieghu kollu li kien jinkludi l-kreazzjoni tal-ispettakolu u d-dritt ta’ awtur. Ighid li qatt ma sar diskors dwar xi pagament iehor oltre il-paga billi din li kienet wahda sostanzjali. Lanqas ma kien hemm kuntratt bil-miktub (ara fol. 257) jew kuntratt li fih x’inhuma l-funzjonijiet tieghu (ara fol. 259). Jinsisti li l-attur qatt ma vvanta xi pretensjoni jew drittijiet fuq l-ispettakolu jew li ried jithallas ghad-drittijiet fuq l-iscript/play hlief meta l-impieg tieghu gie terminat.

---

[1] Ticket tad-dhul datat 10/2/2011 biex ittiehed il-video.

Kieku l-attur qalilhom fil-bidunett li ried ammont separat sabiex jikteb l-iscript hu kien jigi impjegat bhala bhala artistic director biss b'paga inqas.

Ix-xhud ikompli li mhux veru li l-attur kiteb l-iscript bla influenza ta' hadd. Ighid li kienu jghidulu dak li kellu jikteb u kienu jiltaqghu mieghu kull gimgha biex jurihom dak li kien kiteb u huma kienu jaghtuh il-feedback u fejn kien hemm bzonn li jinbidel, dan kien isir, wara li huma japprovawh. (Ara fol. 186-190). Ighid li mhux veru li l-attur kien beda jikteb l-iscript qabel gie impjegat maghhom billi huwa qatt ma kien sema xejn dwar dan l-ispettakolu ghaliex sa dak iz-zmien ma kienx ghadu jaf bl-idea taghhom.
Ighid li hu minnu li l-attur kien javvicina xi nies, izda dan kien parti minn xogholu. Izda kienu huma li jimpjegaw in-nies. Huma kienu involuti fl-aspetti kollha tal-ispettakolu u din kienet produzzjoni ta' MK Leisure Ltd u mhux produzzjoni ta' l-attur. Dan kien xoghol kollettiv u bhala tali d-drittijiet tal-awtur huma tal-konvenuti u mhux tal-kontributuri fizici tal-ispettakolu. Fil-fat lil Paul Abela huma kienu hallsuh cirka £m5000 lump sum ghax-xoghol tieghu u l-istess lil Mariza Baldacchino u dawn qatt ma vvantaw xi drittijiet fuq l-ispettakkolu avolja isimhom jidher fuq il-brochure.

Ighid li wara li l-attur hareg mandat kontra taghhom, wara is-17 ta' Marzu 2011 l-ispettakolu ma baqax jittella' hlief fil-gurnata meta gew notifikati bil-mandat, meta kien tard wisq biex ihassru l-ispettakolu. Imbagha mill-24 ta' Marzu 2011 beda jittella spettakolu iehor jismu 'Malta Nights Extravaganza' li hi produzzjoni gdida tal-kumpanija konvenuta (Dok. H u I a fol. 192-3).

Paul Vella u Henri Mattocks, diretturi fil-kumpanija konvenuta basikament jikkonferma dak li xehed Charles Micallef. Henri Mattocks qal li kien ra x-show l-Amerika "Medieval Times Dinner Show" u kienet gietu l-ideja li jaghmlu xi haga simili Malta. Ighid li l-attur gie impjegat bhala artistic director sabiex jiehu hsieb l-iscript, casting, kostumi u affarijiet ohra dejjem taht id-direzzjoni tal-kumpanija.  Hu gie impjegat full time biex jahdem fuq dan

is-show. Bhala artistic director hu kellu jikteb u jipproduci dan ix-show u jidderigih. Isemmi li l-iscript kien baqa' 'hajj' fis-sens li kienu jirrevduh skond il-feedback li jkollhom min-nies. Kien ikun hemm fine tuning tal-iscript.

Brian Bonnici prodott mill-konvenuti xehed li hu kien jahdem bhala attur meta l-attur kien artistic director. Ighid li dak iz-zmien kien hemm tensjoni fix-xoghol minhabba l-attitudini tal-attur. Meta spicca l-attur minn mal kumpanija, hu gie mitlub biex jibdel ix-show u ghalhekk tawh linji gwida u inhatar assistant artistic director part-time. Hu zamm dak li kien hemm fix-show li ma kienx tal-attur imma ta' kontributuri ohra u bidel xi affarijiet ohra bhal l-ismijiet tal-karattri, dahhal karattri godda u bidel l-isem u l-logo. Zamm kanzunetti li ma kellux x'jaqsam maghhom l-attur u ghamel arrangamenti biex ix-show il-gdid ssir fiz-zmien qasir li kellhom. Ix-xhow il-gdid iffoka fuq l-istorja ta' Malta aktar milli waqaf fuq l-Assedju l-Kbir biss kif kien hemm fix-show ta' qabel. Ighid li fil-kaz tieghu hu thallas somma ghal iscript li ghamel u kien tahom id-drittijiet fuq dak l-iscript. Hu thallas tal-bdil li ghamel fl-iscript kif ukoll ghax kien impjegat bhala assistant director part-time u kienet saret skrittura f'dan is-sens (mhux ezibita).

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

F'dina l-kawza l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li huwa l-awtur tal-istorja u t-trama centrali (plot), il-komposizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal-ispettaklu 'Knights Spectacular 1565' kif ukoll l-emendi u t-tibdiliet li saru minn zmien ghal zmien u tal-lirika ta' tliet kanzunetti li ntuzaw fl-istess spettaklu u li konsegwentement huwa propjetarju tad-drittijiet intelletwali, fosthom tal-copyright, tax-xogholijiet elenkati; talab li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta kisret dawn id-drittijiet ta' propjeta intellettwali tieghu billi tellghat l-ispettaklu minghajr kunsens u awtorizzazzjoni tieghu; u talab ukoll id-danni skond il-ligi u r-restituzzjoni tal-qligh kollu li sar mill-ksur ta' dawn id-drittijiet tieghu.

Basikament is-socjeta konvenuta laqghet ghat-talbiet tal-attur billi qalet li (i) l-ispettakolu 'Knights Spectacular 1565'

jikkwalifika bhala xoghol kollettiv (collective work) propjreta’ esklussiva tal-kumpannija konvenuta u ghalhekk l-attur ma ghandu ebda drittijiet tal-awtur x'jipprotegi senjatament billi huwa ma jistax jaqla' bicciet mill-ispettaklu u jghid li ghandu drittijiet tal-awtur fuq dawk il-bicciet; fit-tieni lok (ii) bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur kien hemm arrangament li l-attur jircievi paga f’ammont sostanzjali u din kienet tinkludi kull dritt ta' awtur li l-attur seta' kellu. L-attur kiteb l-iscript fil-kors tal-impieg tieghu u fuq struzzjonijiet specifici tad-diretturi tal-kumpanija.
L-attur ghalhekk fil-qosor qed jikkontendi li huwa ghandu dritt tal-awtur.

(i) tal-istorja u t-trama centrali (plot),
(ii) il-komposizzjonijiet teatrali,
(iii) direzzjonijiet tal-palk u l-manuskritt tal-ispettaklu kif ukoll l-emendi u t-tibdiliet li saru minn zmien ghal zmien,
(iv) tal-lirika ta’ tliet kanzunetti li hu kiteb li ntuzaw fl-istess spettaklu.

Jigi rilevat li l-attur mhux qed jippretendi ebda drittijiet fil-lirika, fil-muzika, fil-mastering jew fil-koreografija tal-ispettakolu (Dok. E a fol. 56).

Minn naha l-ohra s-socjeta konvenuta qed tikkontendi li l-attur kien impjegat b’salarju konsiderevoli bhala direttur artistiku u dana x-xoghol kien jinkludi li jikteb l-iscript. Il-konvenuti jghidu wkoll li dan ix-xoghol kien wiehed kollettiv.

Illi ma hemmx dubbju li l-attur kien inkarigat bhala direttur artistiku sabiex jikkreja l-ispettakolu imsemmi fuq l-Assedju l-Kbir u kien l-persuna responsabbili tal-iscript u t-trama kif ukoll ghazel numru ta’ kollaboraturi ghall-muzika, koreografija u kostumi u li dawn hadmu taht l-istruzzjonijiet u d-direzzjoni artistika tieghu skond il-librett li kiteb.

Illi lanqas ma hemm dubbju li x-xoghol li ghamel l-attur sar taht is-supervizjoni tas-socjeta konvenuta li kienet wara l-ideja tax-show u tal-finanzjament tieghu. Kienet hi wkoll li

impjegat lin-nies li sab l-attur inkluz lill-istess attur biex ihejju dan l-ispettakolu.

Is-socjeta konvenuta pero' tikkontendi li mhux veru li l-attur kiteb l-iscript bla influenza ta' hadd imma jsostni li huma kienu jghidu lill-attur dak li kellu jikteb, tawh l-ideja tal-Assedju l-Kbir flimkien ma' love story, xeni ta' battalja, xeni biz-zwiemel u b'falkun, muzika u zfin, kostumi, armaturi, u li l-attur kiteb l-istorja taht id-direzzjoni taghhom. Ighidu li huma kienu jiltaqghu mieghu kull gimgha biex jaraw dak li kien jikteb, jaghtuh feedback u fejn ikun hemm bzonn jaghmlu l-emendi necessarji.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-fatt li l-konvenuti kienu indikaw lill-attur li riedu li x-show ikun bazat fuq l-Assedju l-Kbir u li jkun fih storja ta' mhabba minghajr ma dahlu fl-ispecifiku ma jfissirx li huma b'hekk saru ko-awturi mal-attur tal-iscript li eventwalment kiteb l-attur.

Kif gie deciz diversi drabi, "It is clear that someone who suggests a series of ideas and key story lines for a work written by others will not share in the copyright protection of the work [**Tate v. Thomas** (1921), **Wiseman v. Weidenfeld & Nicolson Ltd** (1985), **Ashmore v. Doughlas-Home** (1987)]. All that he or she contributes are ideas, which are expressed by the writer, and only the expression is protected by copyright. This would seem to require a contribution to the precise, expression of the ideas, such as the full text of a scene or a number of lines for a synopsis, script or play. No copy right can be granted if those lines are not recorded'. [**Tate vs Fullbrook** (1908)].

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuti ppartecipaw attivament fl-iscript kif hawn fuq delinejat. Mill-emails li gew ezibiti a fol. 186 et seq. ma hemm ebda indikazzjoni tal-korrezzjonijiet jew emendi fit-text li gew proposti mill-konvenuti jew li gew diskussi u accettati.

Minn naha l-ohra "The protection granted to scripts for plays and movies does not extend to costumes and scenic effects, which will only attract copyright if they are

artistic works. For copyright purposes, music and lyrics are distinct works" (**Holyoak U Torremans Intellectual Property Law**. Page 184 5th Edition). Kif gja nghad l-attur mhux qed jitlob drittijiet fuq dawn ghax wara kollox l-attur gie impjegat bhala artistic director appuntu biex jiehu hsieb dawk l-affarijiet.

Illi l-konvenuti qed jikkontendu li l-ispettakolu kien xoghol kollettiv u ghalhekk propjreta' esklussiva taghhom u illi l-attur ma jistax jaqbad bicciet mill-ispettaklu u jghid li ghandu drittijiet tal-awtur fuq dawk il-bicciet. Illi pero jista' jkun hemm kazijiet fejn ikollok drittijiet separati ta' awtur anke f'xoghol fejn ikun hemm diversi kontributuri ohrajn. Kif inghad f'Copinger and Skone James on Copyright Volume One 16th Edition f'pagna 62 "Circumstances may exist which justify regarding a constituent part of a larger entity as in itself a copyright work, but this will only be where the part in question could fairly be regarded as so separable from the material with which it is collocated as itself to constitute a copyright work".

F'dan il-kaz kien hemm diversi kollaboraturi u professjonisti, li talbu ghad-dritt ta' l-awtur fuq ix-xoghol taghhom u imbaghad ghaddew dawn id-drittijiet taghhom lill-konvenuti li zammew id-dritt taghhom fuq ix-show per se. L-attur fil-fatt mhux qed jitlob id-dritt tal-awtur fuq ix-show kollu izda fuq dik il-parti li ghamel hu u li skond hu ma rrinunzjax ghaliha u li ma kinitx inkluza fir-remunerazzjoni li nghata bhala direttur artistiku.

Illi skond il-ligi Art. 11 tal-Kap. 415(1)
Id-drittijiet ta' l-awtur moghtija bl-artikoli 4, 5 u 6 ikunu inizjalment ta' l-awtur jew tal-ko-awturi: Izda fil-kaz ta' programmi ghall-computers u databases fejn xoghol isir filwaqt li l-awtur ikun impjegat, fl-ezekuzzjoni ta' dmirijietu jew fuq struzzjonijiet li jinghatawlu mill-principal tieghu, id-drittijiet ekonomici moghtija bid-drittijiet ta' l-awtur ghandhom jitqiesu bhala li jkunu trasferiti ghal ghand il-principal ta' l-awtur, bla hsara ghal kull ftehim bejn il-partijiet li jkun jeskludi jew jillimita trasferiment bhal dak. Ghar-rigward ta' xoghlijiet ohra eliggibbli ghad-drittijiet ta' l-awtur, f'dawk ic-cirkostanzi, bla hsara ghal kull ftehim

ghall-kuntrarju bejn il-partijiet, id-drittijiet ta' l-awtur ghandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi.

Illi ghalhekk skond il-ligi fil-kaz ta' programmi ghall-computers u databases fejn xoghol isir filwaqt li l-awtur ikun impjegat, il-presunzjoni hija li d-dritt ta' l-awtur huwa tal-principal li jimpjega, mentri fil-kazijiet l-ohra l-presunzjoni hija li d-drittijiet ta' l-awtur ghandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi, sakemm ma jkunx hemm ftehim ghall-kuntrarju.

Fl-istess sens huwa l-artikolu 4 tal-Kap. 488 fejn il-presunzjoni hija favur l-awtur jew ko-awturi salv prova kontrarja.

Izda skond l-artikolu 24(4) tal-Kapitolu 415
Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52, ebda cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur jew ta' drittijiet vicini u ebda licenza biex jintghamel att li l-ghemil tieghu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur jew minn drittijiet vicini ma jkollha effett jekk ma ssirx bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet

Fil-kaz in ezami l-attur isostni li ma sar ebda kuntratt tal-impjieg bil-miktub, u li hu zamm u irrizerva d-drittijiet tieghu ta' propjeta' intelletwali u qatt ma ttrasferixxa u/jew ikkonceda bil-miktub dawn id-drittijiet tieghu. Is-socjeta konvenuta invece tghid li taqbel li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub (ara fol. 257) u li lanqas ma sar xi kuntratt li jindika x'inhuma l-funzjonijiet tal-attur (ara 259) u ma sarx diskors mal-attur dwar pagamenti oltre il-paga li kien qed jircievi billi l-paga li kien se jircievi kienet wahda sostanzjali li tinkludi kollox. Infatti ighidu li l-attur qatt ma vvanta xi pretensjoni jew drittijiet fuq l-ispettakolu jew ried li jithallas ghad-drittijiet fuq l-iscript/play u li l-ewwel darba li semma dawn id-drittijiet kien wara li hu kien tkecca mill-impieg tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attur kiteb l-iscript tal-play u hu ghandu jigi kkunsdirat wahdu bhala l-awtur tal-istess.

Fl-istess hin pero jirrizulta li l-iscript inkiteb fil-kors tal-impieg ta’ l-attur mas-socjeta konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha. L-attur kien ittella l-Amerika u Parigi biex jara kif isiru dawn it-tip ta’ x-shows u x’kien fihom biex ikun jista’ jaghmel bhalhom. Minn naha l-ohra ma kienx hemm kuntratt ta’ impieg bil-miktub, ma kien hemm ebda ftehim dwar dritt ta’ awtur, u lanqas ma gie indikat bil-miktub x’kienu l-funzjonijiet tal-attur, u dana meta l-presunzjoni, skond il-ligi kienet li dak ix-xoghol kien tal-attur.

Il-Qorti ma tistax ma tenfasizzahx l-importanza li jkun hemm kuntratt bil-miktub. Fil-fatt jinghad li:
“The contract of employment and the job description contained in it are important elements in this respect. They can facilitate the application of the test whether the skill, labour, and judgement invested by the employee in the creation of the work are part of the employee’s normal duties – which can be either express or implied in the contract – or come within the special duties that the employer has assigned to the employee, because they reveal the intentions of the parties” (**Stephenson Jordan & Harrison Ltd v MacDonald** (1952).

Illi ghandu jigi rilevat illi effettivament meta l-attur tkecca u minfloku dahal Brian Bonnici bhala direttur artistiku l-konvenuti rrealizzaw li dan Bonnici seta’ jivvanta xi drittijiet t’awtur u skond il-provi mressqa jidher li dan ceda formalment id-drittijiet t’awtur li seta’ kellu.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalkemm ix-xoghol li dwaru l-attur qed jitlob id-dritt ta’ awtur sar meta hu kien impjegat mas-socjeta attrici, ma hemmx prova konkluzziva, ukoll minhabba nuqqas ta’ kuntratt bil-mitkub, li l-attur kien irrinunzja jew ceda d-drittijiet tieghu tal-awtur li l-ligi taghtih lill-attur. L-attur mhux qed jippretendi drittijiet fuq ix-show senjatament muzika, mastering, koreografija jew direzzjoni tal-palk u spettakolu, affarijiet li dwarhom kien qed jithallas imma d-dritt tal-awtur fuq l-iscript u l-uzu tal-istess sussegwentement wara li tkecca u ttella’ suppost show gdid.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Dwar it-tieni talba jirrizulta li l-attur kien talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta konvenuta u dana gie milqugh mill-Qorti (ara fol. 51). In segwitu kien anke gie ordnat mill-Qorti li jittiehdu passi kontra s-socjeta` konvenuta ghal disprezz talli m'obdietx l-ordni tal-Qorti (ara fol. 52). Is-socjeta konvenuta spjegat pero' li hija kienet giet notifikata bid-degriet tal-Qorti dakinhar stess li kienet ser tittella x-show u ghalhekk ma setghetx fizikament thassar ix-show dakinhar billi kellha l-bookings mill-lukandi li kienu saru qabel.

Illi in segwitu ghall-mandat imsemmi s-socjeta` konvenuta ma baqghetx ittella' x-show, Knights Spectacular 1565 imma bdiet turi show iehor bl-isem Malta Nights Extravaganza li mhux il-kompitu tal-Qorti li tidhol fih u dan in segwitu ghall-verbal li sar fis-seduta tal- 3 ta' Gunju 2013.

Il-Qorti tirrileva illi l-attur dam impjegat mis-socjeta konvenuta sa Awwissu 2010 fejn l-ispettaklu kien qed jittella' bil-kunsens u l-approvazzjoni teighu, billi fl-ebda waqt l-attur ma talab jew wera lis-socjeta kovneuta li kien qed jippretendi xi hlas ta' awtur oltre l-paga li kien qed jircievi li l-Qorti qed tifhem kienet tikkomprendi l-permess implicitu li s-socjeta konvenuta tuza d-drittijiet tal-awtur fl-ispettaklu mertu tal-kawza. Ma jfissirx b'daqshekk illi darba terminat l-akkordju ta' impjieg bejn il-kontendenti s-socjeta konvenuta setghet tkompli tuzufruixxi ruhha mid-drittijiet ta' awtur tal-attur billi l-attur qatt ma rrinunzja ghad-dritt ghalkemm kif inghad, fit-tul tal-impjieg tieghu kienu dan id-dritt ma kienx qed jigi ezercitat minhabba r-rabta ta' impjieg lukrativ li kellu l-attur mas-socjeta konvenuta.

In segwitu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu l-Qorti hi tal-fehma illi l-effetti kollha ta' dritt tal-awtur regghu dahlu fis-sehh u s-socjeta konveuta ma kellha ebda jedd li tuza d-drittijiet tal-awtur gawduti mill-attur minghajr il-permess tieghu u bi ftehim appozitu a rigward. Kwindi mid-data ta' terminazzjoni ta' impjieg sakemm waqfet ittella' l-

ispettaklu s-socjeta konvenuta rrendiet ruhha responsabbli ghad-danni.

L-ispettaklu kien qed jittella' minghajr l-permess u l-awtorizzazzjoni tieghu u ghalhekk is-socjeta konvenuta vvjolat id-drittijiet tal-awtur gawduti mill-istess attur.

It-tieni talba ghandha tigi milqugha ukoll.

Kwantu ghat-talbiet l-ohra dwar danni u telf ta' qliegh, ma saret ebda prova realistika ta' danni kemm f'dak li hu dovut qua drittijiet tal-awtur u qliegh li sar mill-kontravvenzjoni subita. Id-dokument SM7 u SM8 a fol. 157 u 158 ma jghinux il-vertenza. Madankollu l-Qorti tqis illi l-attur ghandu dritt li jigi risarcit id-danni li sofra pero minghajr parametri precizi l-Qorti ser tuza d-deskrezzjoni taghha a bazi tal-proviso tal-artikolu 12 tal-Kap. 488 u ghalhekk arbitro u boni viri tqis li d-danni subiti u telf ta' qliegh minn Awwissu 2010 sa April 2011 meta waqaf jittella' dan l-ispettaklu in segwitu ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandhom ikunu ta' €3,500.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tilqa l-ewwel talba attrici; tilqa; t-tieni talba attrici pero limitatament ghal perjodu circa ta' tmien xhur wara Awwissu 2010 sa April 2011; tilqa' t-tielet, raba u hames talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsa lill-attur s-somma ta' €3,500 in linea ta' danni kif mitluba. Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------